32007D0096

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Frar 2007

li taħtar membru Spanjol fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2007/96/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 [1].

(2) Post ta' membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara li ntemm il-mandat tas-Sur Pasqual MARAGALL i MIRA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur José MONTILLA AGUILERA, President tal-Generalitat de Cataluña, qed jiġi maħtur bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, minflok is-Sur Pasqual MARAGALL i MIRA, għall-perijodu li jifdal tal-mandat tiegħu, li huwa sal-25 ta' Jannar 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Frar 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
F.-W. STEINMEIER

[1] ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.